# LECTIO DIVINA

# IT-XXXII ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 25, 1-13**

Il-kap. 25 jifforma unità letterarja waħda mal-kap. 24, diskors wieħed dwar it-tmiem. Fil-bidu ta' kap 24 naraw li Ġesù joħroġ mit-Tempju u jmorru fuqu d-dixxipli tiegħu u jistaqsuh żewġ mistoqsijiet, iżda mbagħad hu Ġesù waħdu li jitkellem. Il-fatt li d-diskors hu magħmul lid-dixxipli waħedhom jfisser li hu importanti ħafna għall-komunità: barra minn sempliċi tagħrif dwar dak li se jiġri fl-aħħar, hemm eżortazzjoni qawwija biex l-Insara jkunu lesti biex jiltaqgħu ma' Dak li ġej. Mattew jagħti l-impressjoni li fil-komunità tiegħu qed jinħassu sinjali ta' għeja u u aljenazzjoni.

Is-silta preżenti hija parabbola li nsibu biss f'Mattew, imma li f'xi partijiet turi xebħ ma' Luqa. Huwa probabli li l-oriġini tagħha huwa antik u li Mattew imbagħad żejjinha b'xi dettalji oħra. Hija parabbola li fiha użu qawwi ta' allegoriji u minħabba f'hekk l-*plot* fih ħafna elementi neqsin: "*The precise matrimonial situation in impossible to reconstruct*" (*NJBC*, 668). L-element tal-misteru fis-silta juri l-misteru kbir ta' dak li Ġesù qed jitkellem dwaru.

**F'dak iż-żmien Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola: «Is-Saltna tas-Smewwiet ixebbħuha ma' għaxar xebbiet li ħarġu bl-imsiebaħ tagħhom biex jilqgħu l-għarus.**
Traduzzjoni iktar eżatta: "Se jiġri mis-Saltna tas-Smewwiet bħalma ġara ma' għaxar xebbiet": l-użu tal-verb fil-futur jitfa' l-*focus* fuq dak li se jiġri fl-aħħar. Kien hemm diversi drawwiet kif isir it-tieġ, ewlenija fosthom li l-għarus u l-għarusa jiġu akkumpanjati mid-dar tal-ġenituri tagħhom u milqugħin fid-dar il-ġdida li tkun ukoll il-post fejn issir il-festa. M'għandna l-ebda ħjiel tal-għarusa. Xi awturi jinnutaw li l-imsiebaħ li jissemmew mhumiex lampi taż-żejt li jixgħelu għal sigħat imma fjakkli (biċċiet tad-drapp marbutin man-naħa ta' fuq tal-qasba u li jixxappu fiż-żejt) li jinxtegħlu hekk kif jasal l-għarus u jagħmlu fjamma kbira għal ftit ħin. L-użu tal-fjakkli jagħmel iktar sens minħabba li hija meħtieġa fjamma qawwija biex idawwal il-miġja tal-għarus, u din tirrikjedi ammont ferm ikbar ta' żejt. Barra minn hekk, il-verġni kienu jagħmlu żifna bil-fjakkli waqt it-tieġ. L-għaxar xebbiet huma simbolu ta' dawk li jemmnu (cfr., *2 Kor* 11, 2), il-fidi f'xi ħadd li għalkemm mhuwiex preżenti hu mistenni li għandu jiġi.

**Ħamsa minnhom kienu boloh u ħamsa għaqlin, għax il-boloh ħadu l-imsiebaħ imma ma ħadux iż-żejt magħhom, waqt li għaqlin ħadu mhux biss l-imsiebaħ iżda wkoll iż-żejt fil-kwies.**

Mattew jippreżenta għal darb'oħra tema li hi għal qalbu: l-antiteżi bejn l-għaqlin (*phronimoi*) u l-boloh. Ġesù jtemm id-diskors tal-muntanja bit-tixbiha tal-għaqli li bena daru fuq il-blat u l-iblah li bena daru fuq ir-ramel (cfr., 7, 24-27). Id-dixxipli huma mistiedna sabiex ikunu "għaqlin bħas-sriep" (10,16) u jishru bħall-"qaddej fidil u għaqli" (24,45), filwaqt li l-Fariżej huma msejħin "boloh u għomja" (23,17). Dak li jiddistingwi l-għaqli huwa "kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien" (7,24). Għal diversi *padres* iż-żejt fil-kwies huma l-opri li jsaħħu l-fidi tal-individwu. Ix-xebbiet għaqlin huma dawk li jbassru ħin twil ta' stennija u għalhekk iridu jipperseveraw matul il-lejl, bħad-dar li tirreżisti għall-maltemp jew iż-żerriegħa li taqa' f'art tajba u tagħmel il-frott. Fil-ħajja/fidi tiegħi x'inhu frott l-għaqal u x'inhu frott l-entużjażmu tal-mument?

**L-għarus iddawwar ma ġie, u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu. Imbagħad f'nofs ta' lejl instama' min jgħajjat: "Ara l-għarus oħorġu ilqgħuh!" Dawk ix-xebbiet qamu lkoll u ħejjew l-imsiebaħ tagħhom.**

Hawn l-element komuni ma' parabboli eskatoloġiċi oħra: il-mistenni għadu 'l bogħod (eż. is-sid li jsiefer, cfr., 21, 33; 25, 14) u allura sakemm għadu nieqes hemm ir-riskju li "tibred l-imħabba ta' ħafna" (24, 12). Hija kwistjoni ewlenija fil-Knisja tal-bidu: "fl-aħħar jiem jiġu nies [...] u jibdew jgħidu: 'Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax sa minn meta mietu missirijietna, kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien.'" (*2 Pt* 3, 3-4). Hemm ir-riskju li l-fidi tibda tinħass ridikola f'dinja fejn apparentament kollox jibqa' għaddej qisu m'hu xejn. Għalhekk hija meħtieġa l-għajta ta' xi ħadd li hu attent u li jinnota lill-għarus qabel l-oħrajn biex tqajjem min-ngħas. Filwaqt li x-xebbiet huma simbolu tal-poplu t'Alla, il-leħen fil-qalba tal-lejl ifakkar lill-magħżulin tal-Mulej fil-missjoni tagħhom (cfr., *Rum* 13, 11-14). L-importanti mhux tant li wieħed ma jorqodx, imma li jkun kapaċi jqum fil-ħin, meta jiġi msejjaħ. Element komuni ma' parabboli oħra: il-ħaddiema tal-aħħar siegħa (cfr., 20, 1-16), l-amministratur moħħu jilħaqlu (cfr., *Lq* 16, 1-8), kif ukoll ħafna nies li wieġbu għas-sejħa tal-Mulej. Ninduna jien b'dawn l-ilħna li jistednuni nqum min-ngħas tiegħi? Kif nirreaġixxi?

**Iżda l-boloh qalu lill-għaqlin: "Agħtuna ftit żejt minn tagħkom, għax l-imsiebaħ tagħna jintfew." Qabżu l-għaqlin u qalu: "Għandu mnejn ma jibqax biżżejjed, la għalina u lanqas għalikom! L-aħjar morru għand tal-ħanut u ixtru għalikom." Xħin dawk marru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu miegħu għall-festa tat-tieġ u l-bieb ingħalaq.**

Fl-Antik Testment diġa insibu interpretazzjoni tas-simboliżmu tal-musbieħ mixgħul/mitfi: "Dawl il-ġust jiddi bil-qawwa imma jintefa' musbieħ il-ħżiena" (*Prov* 13, 9; cfr., *Ġob* 18, 5). Il-parir tal-għaqlin biex il-boloh imorru għand tal-ħanut, ġie interpretat minn diversi, fosthom Santu Wistin, bħala kumment ironiku. Imma huwa possibli li fl-irħula meta kien ikun hemm festa ta' tieġ kulħadd kien jieħu sehem fiha u jibqa mqajjem, u li jinxtara' ż-żejt f'nofs tista' tkun xi ħaġa possibli. Ir-rifjut tal-għaqlin li jagħtu ż-żejt tagħhom għalhekk mhuwiex immotivat minn egoiżmu imma biex ma tisfrattax il-merħba li mistennija jagħtu lill-għarus. Anki jekk se jkunu inqas, imma l-preżenza tagħhom hija meħtieġa biex jibda t-tieġ. Fuq livell simboliku, minħabba li ż-żejt ifisser l-għemejjel ta' kull wieħed, dan ma jistax jiġi misluf jew mogħti lil ħaddieħor. Hemm ir-riskju li n-Nisrani jserraħ rasu li hu parti mill-Knisja u dan iservi ta' skuża biex il-fidi tiegħu ma ssirx waħda personali li tagħti l-frott. Min-naħa l-oħra, l-għaqlin, ma jinsewx id-dmir tagħhom li jilqgħu lill-għarus anki jekk huma ftit. Jagħrfu li f'dan il-każ l-għajnuna lill-ħaddieħor hija sempliċi illużjoni li tista' ttellifhom milli jiltaqgħu mal-għarus li ilhom jistennew.

**Saflaħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew jgħidu: "Sinjur, Sinjur, iftħilna!" Iżda hu weġibhom u qal: "Tassew ngħidilkom, lilkom ma nafkomx."**

Għandna allużjoni għall-ġudizzju b'xebħ kbir ma' *Lq* 13, 25: "Għax meta sid id-dar ikun qam jagħlaq il-bieb, intom tibqgħu barra, u tibdew tħabbtu l-bieb u tgħidu, 'Mulej, iftħilna.' Iżda hu jweġibkom u jgħid, 'Ma nafx mnejn intom.'" Il-parabbola tieħu xejra traġika: dawk li baqgħu barra jgħajjtu għal darbtejn "Mulej, Mulej", sinjal mhux biss ta' talba ħierġa mill-qalb imma wkoll ta' ċertu familjarità mal-Mulej. Filwaqt li "jiġu nies mil-lvant u mill-punent, mit-tramuntana u min-nofsinhar, u joqogħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla" (*Lq* 13, 29) hemm ir-riskju li dawk li kienu minn tal-ewwel jitilfu l-grazzja li ġiet offruta lilhom. Għall-għarus il-fatt li x-xebbiet marru jixtru ż-żejt minħabba fih jitlef kull valur quddiem l-assenza tagħhom meta huwa riedhom preżenti. L-ewwel u qabel kollox hija mitluba l-preżenza.

**Ishru mela, għax la tafu l-jum u lanqas is-siegħa.»**

L-istedina għas-sahra hija ripetizzjoni tal-istess waħda li saret ftit qabel (cfr., 24, 42). Il-fatt li ħadd ma jaf il-jum u s-siegħa huwa ċertament kawża ta' tensjoni. Imma dan iż-żmien ta' stennija huwa wkoll sinjal tal-ħniena ta' Alla; il-fatt li jiddawwar huwa opportunità biex nagħrfuh aktar u nagħmlu

l-ġid: "Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema" (*2 Pt* 3, 9). "Ħuti, intom m'intomx fid-dlam biex Jum il-Mulej jeħodkom għal għarrieda bħal ħalliel [...] Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma biex niksbu s-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu, li miet għalina, sabiex sew jekk inkunu nishru u sew jekk inkunu rieqda meta jiġi, ngħixu ħaġa waħda miegħu." (*1 Tess* 5, 4. 9-10)